MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2015

Numru 1/2015

**Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Chehrazi Masoud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Chehrazi Masoud, ta' 35 –il sena, iben Farajollah u Bibinaz Mordi Esfahan, imwieled l-Iran nhar t-22 ta' April 1980 minghajr indirizz maghruf f'Malta.

Akkuzat talli fis-16 ta' Lulju, 2015 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu dokument mahrug minn awtorita kompetenti cioe' passaport ta' Svezja, innumerat 86840915 u mahrug f'isem Ammanouel Nour Oshalem, innumerat, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dokument li gie ittrasferita lilu minn persuna ohra (Kap. 61, Sec 3 tal-ligijiet ta' Malta).

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn dokument mahrug lil persuna ohra, cioe' dak diga' imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-ligijiet ta' Malta).

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta' prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32 (1c) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-artikolu 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat ser jigi deportat lura lejn pajjizu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah erbgha (4) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------